MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 38/1987/1

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI, GURISDIZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 8 ta' Ottubru, 2004 .**

**Citazzjoni numru : 38/1987G1(PC)**

.

Hellmut Karle, u b'nota tas-27 ta' Marzu, 1998 Dr. Joseph Ellis assuma l-atti minflok l-attur li jinsab imsiefer.

vs

Ignatius sive Ino Attard u Angelo sive Lino Cefai .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta illi:

Premessi d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u moghtija l-provedimenti kollha opportuni ;

Illi l-attur kien ghamel ftehim mal-konvenuti Attard u Cefai fejn l-partijiet ftehmu li l-konvenuti kellhom jaghmlu xoghol ta’ modernizazzjoni u tibdil fil-farmhouse numru hamsa u erbghin (45) Lighthouse Street, Ghasri Gozo u dana skond skrittura privata maghmula bejn il-partijiet fil-5 ta’ Marzu, 1986 u liema skrittura kien iffirmaha n-Nutar Dottor Michael Refalo ghan-nom tal-attur u ghalhekk giet ratifikata mill-attur b’ittra tieghu tal-11 ta’ Marzu, 1987 ;

Illi skond l-istess ftehim ix-xoghol kollu li kien hemm stipulat fl-istess ftehim kellu jitlesta sa mhux aktar tard mill-1 ta’ April, 1987 ;

Illi wara din id-data meta gie l-attur mill-esteru huwa sab li l-istess xoghol kien inkomplet ;

Illi oltre dan l-konvenuti baqghu ma ghamlux x-xoghol kontemplat sal-gurnata tal-lum oltre li huma naqsu li jaghmlu xi xoghlijiet kif kien stipulat ;

Li konsegwenza ta’ dana kollu l-attur kellu jinkorri f’diversi spejjez sabiex jaghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet fix-xoghol tal-konvenuti oltre li nkorra spejjez zejda stante li l-konversion tad-dar ma kenitx lesta fiz-zmien stipulat .

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li l-konvenuti kisru l-ftehim iffirmat bejn il-partijiet ghal modernizzazzjoni tal-farmhouse 45, Lighthouse Street, Ghasri ;
2. Tikkundannahom ihallsu s-somma ta’ tlett elef u seba’ mitt lira maltija (Lm3700) ammont minfuq mill-attur sabiex spicca x-xoghol li kien kontemplat fl-

imsemmi ftehim; jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat waqt is-smiegh tal-kawza ;
3. Tikkundannahom jhallsu lill-attur is-somma ta' erba' mitt lira maltija (Lm400) ammont minfuq mill-istess minhabba il-fatt li ma setghax juzgha d-dar tieghu jew ammont iehor verjuri li jista' jigi likwidat waqt il-kors tas-smiegh tal-imsemmija kawza .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

U b'riserva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lill-attur kontra l-konvenuti, li sofra jew ghad irid isofri tort tal-ksur tal-kuntratt fuq imsemmi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur ikkonfermata bil-gurament tieghu .
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt billi l-konvenuti bl-ebda mod ma huma responsabbli ghal l-ebda danni versu l-attur u ma ghandhom jaghtu xejn lill-attur .
2. Ghal hekk it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt .
3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti, fejn wara li ppremettew illi :

Illi l-attur ghadu debitur tal-konvenuti esponenti fl-ammont ta' elfejn u sittin lira maltin (Lm2060) bilanc minn somma akbar ghal xoghol u materjal fl-appalt ta' rinovazzjoni tad-dar tal-attur 45, Lighthouse Street, Ghasri Gozo liema bilanc l-attur naqas li jhallas lill-konvneuti .

Talbu lill-attur  jghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

1. ma ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-konvenuti s-somma bilancjali ta' Lm2060 dovuta kif fuq inghad .

Bl-imghax legali minn-notifika sal-hlas effettiv .

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-impediment ta’ safar relattiv .

Bl-ingunzjoni lill-attur sabiex jidher personalment ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti mahlufa minn Angelo Cefai .

Rat id-digriet taghha ta' l-20 ta' Novembru 1987 fejn innominat lill-mibki avukat Dottor Michael Grech bhala perit legali u l-A.I.C. Emanuel Vella bhala perit tekniku sabiex jiehdu konjizzjoni tat-talbiet f'din il-kawza .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti tat-28 ta' Settembru 1989 fejn eccepew :

1. Il-karenza ta’ l-interess fl-attur li jkompli din il-kawza billi fil-mori tal-kawza u l-attur biegh il-fond “de quo agitur” kuntratt fl-atti tan-Nutar John Gambin tat-30 ta’ Awissu, 1989 esebit bhala dokument X fis-seduta tal-5 ta’ Awissu, 1989 quddiem il-perit legali Dr. Michael Grech u ghalhekk stante li l-attur ma ghadx fadallu aktar interess f’din il-kawza hemm lok ghall-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra l-attur .

Rat ir-rapport tal-perit legali dwar din l-eccezzjoni ulterjuri .

Rat is-sentenza preliminari taghha ta' l-4 ta' Marzu 1993 dwar l-istess eccezzjoni .

Rat in-nota ta' l-avukat Dottor Joseph Ellis tas-27 ta' Marzu 1998 li biha assuma l-atti tal-kawza minflok l-attur li sadanittant lahaq siefer minn dawn il-gzejjer .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur nomine ghall-kontro-citazzjoni tal-konvenuti li permezz taghha eccepixxa illi :

1. illi t-talbiet rikonvenzjonali m'humiex gustifikati stante illi l-konvenuti ma lestewx ix-xoghlijiet kollha illi kellhom iwettqu u minhabba dan in-nuqqas, l-attur kellu jhallas is-somma ta' tlett elef u seba' mitt lira (Lm3700) sabiex ilesti l-istess xoghlijiet .
2. illi inoltre, ix-xoghlijiet illi wettqu l-konvenuti tlestew b'dewmien konsiderevoli u wara z-zmien pattwit u bhala rizultat, l-attur garrab danni ngenti barra illi kellu jonfoq is-somma addizzjonali ta' erba' mitt lira (Lm400) minhabba li ma setghax juzgha d-dar tieghu .
3. illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, certu xoghlijiet illi twettqu mill-konvenuti ma sarux skond is-sengha u l-arti u l-attur sofra danni addizzjonali.
4. Salv eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess attur nomine annessa ma' din in-nota ta' l-eccezzjonijiet u konfermata bil-gurament tieghu.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Gunju 2004 fejn irrevokat l-inkarigu ta' l-espert tekniku l-A.I.C. Emanuel Vella .

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuti dwar il-mertu .

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u dokumenti ohra pprezentati .

Ikkunsidrat :
Illi permezz tac-citazzjoni tieghu l-attur qed jitlob minghand il-konvenuti ir-rizarciment ta' l-ispejjez minfuqa minnu minhabba fl-allegat nuqqas da parti tal-konvenuti li jesegwixxu l-appalt li kien tahom sabiex jimmodernizzawlu d-dar qadima li kien ghadu kemm xtara fl-Ghasri . It-talba hija ghall-hlas ta' tliet elef u seba' mitt lira maltija (Lm3700) li jghid li nefaq sabiex jispicca x-xoghol li suppost kellu jsir mill-konvenuti, flimkien ma' erba' mitt lira maltija (Lm400) ohra bhala spejjez inkorsi ghax ma setax juza d-dar fejn kellhom isiru dawn ix-xoghlijiet, kagun tal-inadempjenza taghhom .

Il-konvenuti jikkontendu li m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur, anzi jsostnu li l-istess attur ghad baqaghlu jaghti lilhom bilanc mill-prezz miftiehem ghal dan l-appalt . Infatti l-istess konvenuti ghamlu il-kontro-talba taghhom fejn talbu li l-attur jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' elfejn u sittin lira maltija (Lm2060) ghal dan il-ghan .

L-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti giet michuda bis-sentenza *in parte* taghha hawn fuq imsemmija .

Rigward il-mertu tat-talbiet, jirrizulta inkontestat illi f'xi zmien fl-1986 l-attur kien thajjar jixtri dar qadima fl-Ghasri bl-intervent tal-konvenuti li kellhom agenzija tal-proprieta' . In segwitu sar il-konvenju relattiv[1] u eventwalment anke l-kuntratt ta' xiri minghand terzi vendituri ghall-prezz ta' sitt elef lira maltija (Lm6000).[2] Sadanittant il-konvenuti kienu offrew ukoll is-servizzi taghhom sabiex isiru x-xoghlijiet mehtiega halli din id-dar tigi modernizzata u resa abitabbli u ssemmiet ic-cifra ta' erbat elef lira maltija (Lm4000) . L-attur inghata wkoll x'jifhem illi kollox kellu jkun lest sa April tas-sena ta' wara . Karle accetta li dawn ix-xoghlijiet isiru mill-konvenuti u nfatti hejja rapport dettaljat dwar dak li xtaq li jsir fid-dar li kien xtara . Dan gie wkoll komunikat lill-konvenuti.[3] Sussegwentement u fl-assenza ta' l-attur li lahaq siefer, il-konvenuti bdew ix-xoghlijiet . Imma hekk kif l-attur irritorna f'dawn il-gzejjer xi xhur wara, nnotata li x-xoghol kien waqa' lura . L-ispjegazzjoni tal-konvenuti kienet li ma setghux isibu haddiema, minhabba li l-Gvern kien qed jaghti hafna kuntratti lill-partikolar dik il-habta u anke minhabba f'hekk l-ispejjez kienu ser jitelghu izjed milli kienu kkalkolaw.[4] Fi sforz li jitlestew ix-xoghlijiet mehtiega saz-zmien miftiehem, l-attur rega' nnegozja mal-konvenuti u din id-darba ntlahaq ftehim formali u bil-miktub sabiex dawn ix-xoghlijiet jitlestew sat-28 ta' April 1987, imma x-xoghol li kellu jsir gie ridott sostanzjalment[5] u l-prezz ta' l-appalt gie ffissat ghal sitt elef u seba' mitt lira

[1] konvenju tat-28.4.1986 esebit a fol. 230 tal-process .
[2] kuntratt in atti Nutar Dr.. M.. Refalo tat-2.10.1986 a fol. 239 .
[3] ittra tas-26.10.1986 u lista annessa:Dok. HK. 22 .
[4] Dok. AC. 1 a fol. 241 – 242 .
[5] ara Dok. MR. 1 a fol. 231 u depozizzjoni ta' l-attur a fol. 127 ; dik tan-Nutar Refalo a fol. 161; u dik tal-konvenut Angelo Cefai a fol. 167 .

maltija (Lm6700). Fuq dan il-ftehim kien deher in-Nutar Dr. Michael Refalo ghall-attur, peress illi sadanittant Hellmut Karle kien rega' siefer[6] .

L-attur gie lura f'dawn il-gzejjer ghall-bidu ta' Mejju 1987, imma peress illi kien ghad jonqos xi affarijiet xi jsiru fid-dar in kwistjoni, gie alloggjat flimkien mal-*partner* tieghu Jennifer Boys f'fond tal-konvenuti minghajr hlas ghal ghaxart'ijiem . Meta mbaghad dawn marru joqghodu f'din id-dar, bdew jiskopru diversi nuqqasijiet u difetti fix-xoghlijiet maghmula u regghet infethet korrispondenza shiha mal-konvenuti fejn gew elenkati d-diversi lmenti li kellu l-attur[7] . Billi t-tiswijiet li saru minn haddiema mibghuta mill-konvenuti ma kienux a sodisfazzjon ta' l-attur, spicca biex ghamel hu u b'haddiema inkarigati minnu dak li deherlu li kien ghad baqa' biex ix-xoghlijiet ikunu saru kif kien jixtieqhom . In segwitu l-konvenuti gew intimati mil-legali ta' l-attur sabiex ihallsu d-danni kkagunati lilu minhabba l-allegat dewmien fit-tlestija u l-ispejjez zejda li fil-fehma tieghu kellu jaghmel[8] . Sar anke tentattiv ta' transazzjoni, tant li giet redatta skrittura ghal dan il-ghan, imma l-konvenuti baqghu ma ffirmawx.[9]

Ghalhekk l-attur imbaghad ipproceda biex jintavola l-kawza prezenti fejn qed jirreklama s-somom indikati fic-citazjoni jew ohrajn verjuri li jistghu jigu stabiliti, filwaqt illi rrifjuta li jhallas lill-konvenuti l-bilanc mis-somma miftehma, ghax ippretenda li ghandu jiehu minghandhom iktar milli ghandu jaghtihom . Infatti fil-kontro-citazzjoni taghhom il-konvenuti qeghdin appuntu jitolbu minghand l-attur l-ammont li jikkontendu li ghadha dovuta minnu ghall-appalt moghti lilhom .

---

[6] ara ittra tan-Nutar Dr. M. Refalo tal-5.3.1987 (dok. Mr. 3 a fol. 235) ; ohra tas-17.3.1987 (dok. HK. 2 a fol. 208), il-ftehim relattiv tal-5.3.1986 (Dok. X a fol. 5 u Dok. MR. 4 a fol. 236, il-kontendenti qablu u n-Nutar Refalo kkonferma li d-data indikata fuq din l-iskrittura kienet zbaljata u riedet taqra . 5.3.1987) u l-ittra ta' konferma da parti ta' l-attur (dok. MR. 5 a fol. 237) .

[7] Dokti. AC. 8 a fol. 252; AC. 9 a fol. 253; HK. 18 u lista annessa .

[8] Dok. Dokti. Hk. 6 (a fol. 215) u HK. 7 a fol. 216 - 219;

[9] Dok. Hk. 5 a fol. 214 .

Il-ligi taghna tistipula li d-debitur, anke jekk ma jkunx agixxa *in mala fede*, huwa tenut ihallas id-danni kkagunati minhabba d-dewmien fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjonijiet tieghu, sakemm ma jkunx hemm xi raguni li ma kellu ebda kontroll fuqha .[10] Dwar il-ksur ta' l-obbligi kontrattwali minhabba l-*mora* l-**Giorgi** jghallem illi :

"***Intendesi per mora, in senso lato, un ritardo del debitore nell'adempiere l'obbligazione (mora solvendi); oppure del creditore nel ricevere il pagamento (mora accipiendi) . Ma in senso proprio e giuridico s'intende per mora il solo ritardo colpevole, che non toglie la possibilita' dell'adempimento tardivo …. Ritardo colpevole vuol dire, che non dipende dal caso, e che non puo' essere giustificato da una presupposta tolleranza o annuenza della parte, a danno della quale avviene il ritardo …. In generale spetta a chi trovasi in mora, di escludere la propria colpa con idonee prove.***[11]

Jonqos biss li jigu kkwantifikati dawn id-danni . Gie ribadit mill-Qrati taghna illi :

"*Meta jkun hemm ksur ta' kuntratt l-obbligat ikun responsabbli ghad-danni . Dawn id-danni jistghu ikunu jew konvenzjonali jew gudizzjali ….. jekk id-danni ma jkunux pre-likwidati, min jitlob id-danni, irid jipprova t-telf li hu realment ikun sofra, u dan peress li d-danni jridu jkunu reali . Id-danni f'dan il-kaz, jigu likwidati mill-Qorti, u ghandhom ikollhom konnessjoni diretta mal-ksur invokat*."[12]

Fil-kaz taghna ma kien hemm l-ebda klawsola kuntrattwali li tiffissa xi danni f'kaz ta' dewmien . Dawn iridu ghalhekk jigu stabiliti mill-provi. Kif intqal mill-Qrati taghna :

"*Fejn il-provi fir-rigward ta' l-ammont tad-danni ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f'xi kaz ta' nuqqas ta'*

[10] art. 1133 Kap. 16
[11] Teoria Delle Obligazioni nel Diritto Moderno Italiano : Firenze 1903 6ta. ed. vol. II. para. 43, 44, pag. 69 – 72 .
[12] Jun Lui et noe vs Salomo Ulrich noe. Prim Awla : 3.10.2002 .

*mezzi probatorji, l-ammont ghandu jigi ffissat ex aequo et bono mill-gudikant*."[13]

A tenur tal-gurisprudenza hawn iccitata u tenut kont li l-perit tekniku baqa' qatt ma rrelata dwar l-ilmenti li kellu l-attur, anke minhabba d-diffikulta' prattika li jaccedi fil-fond li sadanittant lahaq gie trasferit lil terzi, din il-Qorti trid toqghod unikament fuq dak li rrizultalha mill-provi migbura . Ma jistax jigi michud illi x-xoghlijiet li l-konvenuti kienu obbligati li jwettqu, kien sostanzjalment inqas minn dak originarjament miftiehem . Dan donnu li ntesa ghal kollox mill-attur, li ghall-kuntrarju baqa' jinsisti sa l-ahhar illi l-konvenuti kellhom jaghmlulu tajjeb ghax-xoghlijiet kollha li huwa ghamel wara li l-konvenuti ma komplewx jahdmulu fil-fond tieghu . Minn dak li gie stipulat fil-ftehim redatt bil-miktub bejn il-kontendenti, u li ghalieh gia saret referenza aktar 'l fuq, ma jidhirx illi l-konvenuti hallew xi haga barra . Jirrizulta biss illi l-attur ma kienx sodisfatt ghal kollox bihom, u minflok ma nsista li l-konvenuti jirrimedjawlu ghalihom qabel ma jhallashom il-bilanc dovut, qabad u nkariga haddiema ohra biex iwettqu huma dak li kien hemm bzonn .

Ghalhekk ha hsieb li jgib minn isewwilu s-sistema tad-drenagg li ma kienitx qed tiffunzjona tajjeb . Fuq din il-bicca xoghol, nefaq sitt mitt lira maltija (Lm600) . Ma hemm ebda raguni ghaliex dawn m'ghandhomx ikunu ripetibbli . Kellu kull dritt l-attur jippretendi illi jkolli sistema tad-drenagg funzjonabbli meta jmur joqghod fil-fond in kwistjoni . Kien hemm diversi lmenti ohra rigward ix-xoghlijiet imwettqa mill-konvenuti li ma sarux skond is-sengha u l-arti u li l-attur jispecifika fid-depozizzjoni u korrispondenza tieghu . Dwar dawn il-konvenuti ma taw ebda spjegazzjoni li biha jistghu jiggustifikaw tali nuqqasijiet da parti taghhom . Ghalhekk huwa gustifikat ukoll l-attur ifittex li jigi kkumpensat ghall-ispejjes li kellu jaghmel biex jirrangahom . L-attur pprezenta diversi rcevuti dwar li spejjez li nefaq biex lesta x-xoghlijiet fid-dar tieghu . Imma baqa' ma spjegax sew ghal x'hiex kienet tirreferi kull wahda minn dawn l-ircevuti, bil-konsegwenza

[13] Charles Attard vs Carmela Frendo et.; Prim'Awla : 31.1.2003 .

illi din il-Qorti ma tistax taghzel bejn dawk li jirreferu ghax-xoghlijiet rimedjali u dawk li ghamel *extra*, imma li ma kienux miftehma mal-konvenuti . F'tali cirkostazi l-Qorti ma jibqaghlha ebda ghazla ghajr illi tiffissa *arbitrio boni viri* dak li fil-fehma taghha thoss illi huwa xieraq li jinghata lill-attur sabiex jaghmel tajjeb ghall-istess spejjez minnu inkorsi ghal dan il-fini . Tenut kont il-*cost of living* fiz-zmenijiet meta saru dawn ix-xoghlijiet, kwazi ghoxrin sena ilu, somma ta' sittt mitt lira maltija (Lm600) ohra, ghandha tkun wahda adegwata .

L-attur jippretendi li jigi kkumpensat ukoll f'somma ulterjuri ta' erba' mitt lira maltija (Lm400) bhala kumpens ghall-ispejjez ta' ikel f'restauranti u giri bil-karozza li huwa u l-*partner* tieghu kellhom jaghmlu minhabba li meta rritornaw mis-safar, id-dar in kwistjoni kienet ghadha mhix abitabbli . Il-Qorti taqbel mal-konvenuti, li fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghhom jinsistu illi spejjez bhal dawn mhumiex ripettibbbli taht il-ligi taghna, ghax mhumiex konsegwenza diretta tan-nuqqasijiet taghhom li jesegwixxi l-appalt taghhom fiz-zmien stipulat . Infatti l-konvenuti meta rrejalizzaw illi ma kienux ser jilhqu jlestu x-xoghlijiet miftehma sal-gurnata li l-attur kellu jirritorna f'Ghawdex, offrewlu minn jeddhom li jtuh akkomodazzjoni fi proprjeta' taghhom . Din giet accettata mill-attur u hu u l-*partner* tieghu raqdu u kielu fil-post ipprovdut lilhom mill-konvenuti ghal ghaxart ijiem shah . Ghalhekk l-obbligi taghhom f'dan ir-rigward il-konvenuti wettquhom sodisfacentement, u m'ghandhomx ikunu tenuti wkoll jikkumpensaw lill-attur ghall-kapricci tieghu .

Minn naha l-ohra l-attur mhux jichad illi ghad baqaghlu jaghti lill-konvenuti s-somma minnhom imsemmija fil-kontro-talba taghhom . Kif jammetti fid-depozizzjoni tieghu : "*I paid six thousand maltese liri (Lm6000) for the farmhouse in its unconverted state and about four thousand seven hundred maltese liri (Lm4700) for the contract of works to defendants … the reason why I am refusing to pay the sum of two thousand and sixty maltese liri (Lm2060) object of the counter claim, is simply because I think I am in credit and because defendants have not concluded the works agreed.*" In vista tal-fatt illi,

kif gia nghad, il-konvenuti kienu lestew ix-xoghlijiet kollha stipulati, u kien jonqos biss li jirrimedjaw xi hwejjeg li ma sarux a sodisfazzjoni ta' l-attur . Tenut kont ukoll illi ghal dawn ha hsieb mbaghad l-istess attur, u ghalihom ghadu kemm gie likwidat kumpens fl-ammont stabilit hawn fuq, ma jibqa' issa ebda raguni ghaliex il-kontro-talba ta' l-konvenuti m'ghandhiex tigi milqugha .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi :

A : fir-rigward tac-citazzjoni ta' l-attur nomine, billi :

(i) tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenuti kisru l-ftehim milhuq bejn il-kontendenti dwar il-modernizzazzjoni tal-farmhouse bin-numru hamsa u erbghin (45) Lighthouse Street, Ghasri, bil-mod imfisser f'din is-sentenza ; u konsegwentement
(ii) tikkundannahom ihallsu s-somma ta' elf u mitejn lira maltija (Lm1200) minnha likwidati in linea ta' danni kkagunati lill-attur ;
(iii) tichad it-tielet talba billi l-ammont hemmhekk pretiz mhux dovut .

Bl-ispejjez, apparti dawk gia decizi fis-sentenza preliminari taghha ta' l-4 ta' Marzu 1993, kontra l-konvenuti .

B. Fir-rigward tal-kontro-talba :

(i) billi tilqa' t-talba u tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuti s-somma ta' elfejn u sittin lira maltija (Lm2060) dovuti bhala bilanc ghal kuntratt ta' appalt minnhom imwettaq fuq inkarigu ta' l-attur .

Bl-ispjjez u bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza kontra l-attur .
S3887Pc(sup)

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------